# QORTI TA' I-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI, B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 5 ta' Ottubru, 2001**

**Numru 36**

**Cit. Nru. 6/99 G**

**Gorg Vella bhala ezekutur testamentarju tal-mejjet Giuseppe Vella, Grazia mart Louis Mizzi; Joseph, Maria xebba, Josephine mart Joseph Sultana , Rita xebba ahwa VELLA; Silvia mart Gorg; Rita mart Evarist ahwa Vella; Maria Antonia mart Martin Spiteri; Luigi, Gorg, Agostino u Grace ahwa GRIMA; Celest, Francesca mart Louis Galea, Carmela mart Carmelo Abela ahwa Grech; Saverio, Antonietta mart Joseph Cini, Pawlu, Luigi, Mary mart George Attard, Carmela mart Joseph Galea ahwa DIMECH; Celest, Giuseppa mart Francesco Buttigieg, Carmela mart Frenc Buhagiar, Luigia mart Joseph Bonello, Maria mart Gio Maria Stellini, Georgia mart Carmelo Sultana ahwa CORDINA.**

**vs**

**Reverendu Charles Cini.**

**Is-sentenza appellata**

Dan hu appell mis-segwenti decizjoni in parte tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri li cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut tal-privilegium fori u ddikjarat ruhha kompetenti biex tiehu konjizzjoni tal-mertu tal-kawza.

> "Il-Qorti;
>
> Rat l-atti tac-citazzjoni ta' l-atturi fejn ippremettew illi fl-erbatax (14) ta' Settembru elf disa' mija u tmienja u tmenin (1988) miet Guzepp Vella bin il-mejtin Gorg u Ursula nee' Cini imwieled Victoria, Ghawdex u l-istess Guzepp Vella rregola s-successjoni tieghu permezz ta' testment fl-atti tan-Nutar Dottor Michael Refalo tad-disgha (9) ta' Jannar elf disa' mija u sitta u tmenin (1986) li fih ma nnomina l-ebda werrieta izda halla biss b'titolu ta' legat id-dar li kellu fi Pjazza San Sabina, Victoria, Ghawdex u nnomina bhala ezekutur testamentarju tieghu lill-konvenut bil-fakoltajiet kollha soliti moghtija lil simili ezekuturi;
>
> Illi l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-kompetenza volotnarja taghha, sussegwentement ikkonfermat lill-istess konvenut bhala ezekutur testamentarju ta' l-assi ereditarju tad-decujus fuq imsemmi.
>
> Illi l-konvenut biegh il-proprjeta' immobbli mhux imhollija b'legat kif fuq imsemmi u sussegwentement l-imsemmija Qorti b'digriet taghha tal-hmistax (15) ta' Mejju elf disa' mija u tmienja u disghin (1998), liema digriet igib in-numru tlieta u hamsin ta' l-elf disa' mija u tmienja u disghin (53/98), ordnatulu jqassam ir-rikavat mill-ezekuterija lill-werrieta kollha u ghal dan l-iskop ipprefiggietlu t-terminu ta' xahar.
>
> Illi l-atturi huma l-werrieta ab in testat tad-decujus hlief ghal Gorg Vella li huwa l-ezekutur testamentarju odjern kif hawn taht spjegat.
>
> Illi fil-hmistax (15) ta' Mejju elf disa' mija u tmienja u disghin (1998) l-atturi pprezentaw ittra ufficjali lill-konvenut li permezz taghha interpellawh sabiex iqassam ir-rikavat mill-ezekuterija lill-werrieta izda baqa' inadempjenti.

Illi l-konvenut baqa' inadempjenti u minn fuq permezz ta' rikors ta' l-ghaxra (10) ta' Lulju elf disa' mija u tmienja u disghin (1998) issottometta illi m'ghandux iqassam ir-rikavat lill-werrieta qabel l-ezitu ta' kawza li kien ser jaghmel sabiex jattakka Digriet iehor ta' l-istess Qorti li llikwidatlu l-Onorarju tieghu bhala Ezekutur Testamentarju a bazi tar-rapport li ghamel il-Perit Revizur mahtur mill-Qorti ghal dan l-iskop.

Illi l-Qorti b'digriet iehor taghha tal-hmistax (15) ta' Lulju elf disa' mija u tmienja u disghin (1998) ipprefiggietlu terminu ta' gimgha biex jipprezenta d-debita citazzjoni fil-Qorti kontenzjuza izda l-konvenut xorta baqa' inadempjenti.

Illi l-konvenut mhux biss injora l-ordni tal-Qorti tal-hmistax (15) ta' Mejju elf disa' mija u tmienja u disghin (1998) imma sahansitra irtira mill-Bank fejn kienu ddepozitati l-flus kollha rikoverati mill-bejgh ta' l-assi immobiljari fuq imsemmija u flus ohrajn li jappartejnu lill-assi ereditarju fuq imsemmi u ma ta l-ebda rendikont lil hadd mill-werreita dwar x'ghamel bihom.

Illi b'digriet iehor tas-sittax (16) ta' Settembru elf disa' mija u tmienja u disghin (1998) il-Qorti ddikjarat illi l-konvenut baqa' jisfida u jinjora l-ordnijiet taghha bl-iktar mod sfaccat u ghalhekk irrevokatlu l-inkarigu tieghu ta' ezekutur testamentarju u hatret minfloku lill-attur Gorg Vella u orndat lill-konvenut sabiex jikkunsinna immedjatament il-flus li l-konvenut irtira mill-Bank u li jappartjenu lill-ezekuterija flimkien mad-dokumenti relattivi izda ghal darb'ohra l-konvenut baqa' inadempjenti ghalkemm gie debitament notifikat bl-istess digriet fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Settembru elf disa' mija u tmienja u disghin (1998).

Illi ghalhekk l-atturi intavolaw citazzjoni li permezz taghha talbu lill-Qorti tordna lill-konvenut biex jiddikjara xi flus ghandu f'idejh appartenenti ghall-istess assi ereditarju u sabiex jikkunsinna l-istess flus.

Illi permezz ta' cedola ta' depozitu numru erba' mija u tnejn ta' l-elf disa' mija u tmienja u disghin (402/98) epprezentata fit-tnejn (2) ta' Novembru elf disa' mija tmienja u disghin (1998) il-konvenut iddepozita s-somma ta' erbgha u sebghin elf lira Maltin (Lm74,000) biex jigu liberament sbankati mill-ezekutur testamentrju l-gdid Gorg Vella.

Illi l-imsemmija somma ta' erbgha u sebghin elf lira Maltin (Lm74,000) ma tirrapprezentax ir-rikavat kollu li l-konvenut gabar

mill-imsemmija ezekuterija flimkien mal-imghax fuq l-istess rikavat.

Illi l-konvenut naqas milli jaqdi dmiru sewwa bhala ezekutur testamentarju u b'hekk ikkawza danni kbar lill-werrieta konsistenti f'telf ta' imghax, fl-ispejjez gudizzjarji u fi spejjez ta' konsulenza legali u spejjes ohra konnessi.

Talbu li din l-Onorabbli Qorti:

1. tillikwida l-ammont shih ta' flus li jirrapprezenta r-rikavat intier ta' l-imsemmija eredita' flimkien ma' l-imghaxijiet fuq l-istess ammont skond il-Ligi;

2. tikkundanna lill-konvenut biex ihallas il-bilanc ta' l-ammont hekk likwidat wara li titnaqqas is-somma ta' erbgha u sebghin elf lira Maltin (Lm74,0000) gia depozitata kif fuq imsemmi.

3. Tiddikjara li l-konvenut ikkawza danni konsistenti f'telf ta' imghax, spejjez legali u ta' konsulenza u spejjez ohra lill-atturi kollha u dan peress illi huwa naqas li jaqbdi dmiru sewwa bhala ezekutur testamentarju;

4. Tillikwida l-istess danni u spejjez sofferti mill-atturi inutilment;

5. Tikkundanna lill-konvenut biex ihalas lill-atturi kollha d-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittri ufficjali kollhaipprezentati kontra l-konvenut mill-atturi jew min minnhom u tar-rikorsi u proceduri ohra li l-atturi istitwew quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja, bl-imghax legali sad-data tal-effettiv pagament u bl-ingunzjoni minn issa stess tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Ra id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attur, l-lista tax-xhieda tieghu u l-elenku tad-dokumenti minnu esebiti.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li fiha huwa eccepixxa:

1. preliminarjament l-inkompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti stante illi l-eccipjenti huwa residenti fil-gzira ta' Malta.

2. Preliminarjament ukoll in-nullita'tal-hatra ta' l-attur nomine Gorg Vella bhala esekutur testamentai tal-mejjet Giuseppi Vella

u konsegwentement il-karenza ta' interess guridiku ta' l-istess Gorg Vella.

3. Preliminarjament ukoll in-nullita' ta' l-azzjoni kif imposta mill-atturi inkwantu li dawn mhumiex l-eredi kollha tal-wirt ta' Giuzeppi Vella u ghalhekk ma jistghux jfittxu hlief ghal-interess taghhom wara li jitolbu likwidazzjoni u divizjoni ta' l-istess wirt.

4. Illi minghajr pregudizzju u fil-meritu, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda in kwantu qed jigu pretizi xi bilanci minghand l-esponent ghaliex dan ghadda lill-werrieta l-flus kolha derivanti mill-wirt ta' Giuspepi Vella anke bi provvediment ghall-imghax, fir-rigward ta' liema hlas ta' flus anke inghatat sentenza mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri fid-29 ta' Jannar 1999 fl-istess ismijiet (207/98), u effettivament il-werrieta kollha accettaw il-flus derivanti mill-wirt kif imhallsa mill-esponent.

5. Illi l-premessi kollha ta' l-azzjoni attrici safejn jittrattaw allegat nuqqas ta' l-esponent sabiex jobdi jew jsegwi direttivi ta' l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-Gurisdizzjoni volontarja taghha, huma bla bazi fil-ligi ghaliex dak kollu li sar quddiem dik l-Onorabbli Qorti kif imsemmi huwa kontr a l-ligi.

6. Illi huwa ma kkawza l-ebda danni lill-atturi.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat l-atti kollha tal-process inkluza x-xhieda hemm kontenuta;

Rat il-verbal tal-11 ta' Jannar u l-14 ta' Dicembru 2000.

Ikkunsidrat:

Bil-prezenti qed tigi deciza l-eccezzjoni tal-konvenut dwar l-inkompetenza ta' din il-Qorti "rationae personae". Il-konvenut fl-ewwel eccezzjoni tieghu, in linea preliminari, jecepixxi l-inkompetenza stante li huwa residenti fil-gzira ta' Malta. Fi kliem iehor qieghed jecepixxi l-inkompetenza tal-Qorti fuq l-Artikolu 741[c] "meta hu moghti lill-konvenut il-beneficcju li jigi msejjah quddiem Qorti partikolari".

Ikkunsidrat:

Illi ghalkemm l-Artikolu 767 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap 12) johloq il-privilegium fori, bl-Artikolu 770 ta' l-istess Kodici, dan il-privilegg jispicca fil-kaz li l-kawza tkun obbligazzjoni li skond il-ftehim kellha tigi esegwita fi gzira partikolari. Dan ifisser li meta l-kawza tkun tivverti fuq obbligazzjoni li skond il-ftehim kellha tigi esegwita f'Ghawdex, il-konvenut ghalkemm residenti f'Malta ma jistax jissolleva din l-eccezzjoni u l-kawza trid tigi deciza mill-Qorti ta' Ghawdex[1].

Fil-kaz in dizamina, ghab-bazi ta' dak li xehed l-attur, in-negozju guridiku fil-parti preponderanti tieghu kellu jigi esegwit fil-Gzira ta' Ghawdex.

Ghal dawn il-motivi, ghalhekk, qeghdha tirrispingi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u tiddikjara li kompetenti biex tiehu konjizzjoni tal-kawza hija dina l-Qorti, Sede Superjuri.

Tiddiferixxi ghalhekk ghad-19 ta' Gunju 2001 ghall-kontinwazzjoni".

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

Il-konvenut appella minn din id-decizjoni b'dan l-aggravju:-

a) li mhux kontestat li huwa residenti fil-gzira ta' Malta. In effetti l-att tac-citazzjoni gie hemm lilu notifikat;

b) li s-sentenza appellata rrespingiet l-eccezzjoni tal-privilegium fori ghaliex irriteniet illi l-kawza tirrigwarda obbligazzjoni li, skond il-ftehim, kellha tigi esegwita f'Ghawdex;

c) li t-talbiet attrici kienu jirrigwardaw l-ufficcju ta' l-esekutur testamentarju u l-hlas tar-rikavat lill-eredita', kif ukoll azzjoni ghad-danni, u f'dawn it-talbiet ma kien hemm l-ebda accenn ghal xi forma ta' ftehim kif trid il-ligi fl-artikolu 770;

d) li dak l-artikolu jitkellem car li l-privilegium fori jintilef biss f'kaz li l-kawza tkun dwar "obligazzjoni li skond il-ftehim kellha tigi esegwita f'Ghawdex" u li allura kienet tirrigwarda obbligazzjoni naxxenti ex contractu;

e) illi l-hatra ta' esekutur testamentarju kienet naxxenti mit-testment u l-obbligazzjonijiet tieghu regolati ex lege mill-Kodici Civili. Mill-banda l-ohra l-azzjoni ghad-danni per se kienet naxxenti mill-obbligazzjoni ex delicto. L-ebda ftehim ma kien involut, u la l-azzjoni u lanqas l-eccezzjonijiet ghaliha ma kienu jippresupponu ftehim ta' din ix-xorta.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

Biex il-Qorti tkun tista' sewwa tiddisponi mill-eccezzjoni tal-privilegium fori kien jehtigilha tinkwadra korrettement il-parametri ta' l-azzjoni kif proposta. Din certament torigina u temergi mill-hatra tal-konvenut bhala esekutur testamentarju tal-mejjet Giuseppe Vella illi, bit-testment citat fl-att tac-citazzjoni, innomina lill-konvenut bhala esekutur

testamentarju tieghu. L-artikolu 765 tal-Kodici Civili jipprovdi li l-esekutur testamentarju ma jistax jindahal fl-amministrazzjoni ta' l-assi qabel ma jigi mwettaq "mill-Qorti ta' gurisdizzjoni volontarja tal-gzira li fiha t-testatur kien joqghod fiz-zmien tal-mewt tieghu". F'dan il-kaz it-testatur kien joqghod fil-gzira ta' Ghawdex.

L-artikolu sussegwenti mbaghad jipprovdi li l-Qorti – dik allura li tkun innominatu – f'dan il-kaz il-foro tal-Qorti ta' Ghawdex – ma twettaqx l-esekutur testamentarju qabel ma jkun obbliga ruhu fl-atti tal-Qorti – dik l-istess Qorti li tkun innominatu – b'ipoteka ta' hwejjgu imnizzla fir-Registru Pubbliku li jesegwixxi sewwa l-volonta' tat-testatur u li jaghti kont ta' l-amministrazzjoni tieghu. Biex jigi mehlus mill-ipoteka in garanzija ta' l-amministrazzjoni korretta ta' l-esekuterija, l-esekutur testamentarju kien obbligat li jirrikorri ghall-istess Qorti li tkun ikkonfermatu ghall-verifika ta' l-operat tieghu, u kienet dik il-Qorti li setghet mhux biss tillimita dik is-somma li ghaliha l-hwejjeg ta' l-esekutur kellhom ikunu ipotekati, imma wkoll tiddegreta li tali ipoteka tigi eventwalment kancellata wara illi jkun issodisfa lill-Qorti li tkun innominatu li jkun sewwa espleta l-inkarigu tieghu.

Din il-Qorti tinnota illi premessa mportanti fl-att tac-citazzjoni hi dik illi l-konvenut baqa inadempjenti ghal diversi digrieti tal-Qorti ta' Ghawdex bhala Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja, tant illi b'digriet tas-16 ta'

Settemru, 1998, dik il-Qorti kienet iddikjarat illi una volta l-konvenut baqa jisfida u jinjora l-ordnijiet taghha, kienet irrevokatlu l-inkarigu tieghu ta' esekutur testamentarju u hatret minfloku lill-odjern attur fil-prezenti istanza. Dan il-fatt pero' bl-ebda mod ma kien jesonera lill-konvenut mill-obbligu tieghu illi jaghti rendikont ta' l-operat tieghu lill-Qorti li nnominatu kif ukoll lill-werrieta. Obbligu ta' rendikont li kellu indubbjament jigi sodisfatt mhux biss fil-gzira fejn kienu jirrisjedu l-werrieta, imma wkoll fejn kellha kompetenza l-qorti li nnominatu.

Hu rilevanti illi f'din l-azzjoni l-attur kien dan Gorg Vella fil-kwalita' tieghu ta' esekutur testamentarju tal-mejjet Giuseppe Vella. Esekutur testamentarju munit bil-konferma u bl-approvazzjoni tas-Sekond'Awla tal-Qorti ta' Ghawdex (Superjuri) u li kellu minn dik il-Qorti espressament jew tacitament l-obbligu li jesigi, minghand il-konvenut, qua esekutur, ta' qablu, mhux biss rendikont ta' l-operat tieghu, imma wkoll il-konsenja ta' l-assi ta' l-eredita' li kien qieghed gia jamministra, fosthom ir-rikavat tal-fond immobbli msemmi fl-att tac-citazzjoni.

Anke hawn hu aktar minn ovvju illi l-obbligazzjoni kellha tigi esegwita fil-gzira ta' Ghawdex, jekk xejn ghaliex kellha tigi kompletata taht il-kontroll tal-Qorti li kellha gurisdizzjoni f'dik il-gzira, anke jekk issa fil-kompetenza taghha kontenzjuza.

Din il-Qorti m'ghandha l-ebda esitazzjoni biex tasal ghall-konkluzzjoni illi fil-mument meta l-konvenut kien accetta in-nomina ta' esekutur testamentarju u rrikorra lejn il-Qorti tal-Magistrati ta' Ghawdex fil-kompetenza taghha ta' gurisdizzjoni volontarja biex jigi konfermat bhala esekutur testamentarju, anke fiz-zmien meta kien qieghed jirrisjedi fil-gzira ta' Malta, huwa kien qieghed tacitament, jekk mhux ukoll espressament, jirrinunzja ghall-privilegg tal-foro inkwantu kien qieghed volontarjament jissottometti ruhu ghall-gurisdizzjoni ta' dik il-Qorti li minnha u taghha kien jehtieg il-konferma bhala esekutur testamentarju. Ma setghax allura f'dan l-istadju jissolleva eccezzjoni tal-privilegg tal-foro biex jissottratta l-azzjoni proposta kontra tieghu mill-attur nomine minn taht il-gurisdizzjoni tal-Qorti ta' Ghawdex li kienet ikkonfermatu bhala esekutur testamentarju, li fl-atti taghha kien obbliga ruhu li sewwa jamminsitra l-wirt skond ix-xewqa tat-testatur b'ipoteka ta' hwejjgu u li lejha, lejn l-esekutur nominat minn floku, u lejn il-werrieta, ilkoll residenti Ghawdex kellu l-obbligu li jaghti kont.

Skond il-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili l-privilegg tal-forum jispicca fi tlett kazijiet. L-ewwel kaz meta jissucciedi li n-numru tal-konvenuti li joqghodu f'Malta jkun daqs dak ta' dawk li joqghodu f'Ghawdex (artikolu 769) – dan mhux il-kaz taht ezami. It-tieni kaz meta obbligazzjoni skond il-ftehim kellha tigi ezegwita fi gzira partikolari (art. 770). Dan hu f'certu sens ukoll il-kaz taht ezami, inkwantu l-

komportament tal-konvenut necessarjament kien jimplika li hu kien jaqbel li qua esekutur testamentarju kellu jaghti kont ta' l-amministrazzjoni tieghu kemm lill-Qorti li nnominatu kif ukoll kif inghad, lill-eredita'. It-tielet kaz hu meta l-privilegium fori jigi rinunzjat (art. 772) – dan hu certament il-kaz taht ezami kif johrog mill-konsidrazzjonijiet appena espressi.

Din il-Qorti tqis li ghalkemm it-talbiet attrici kienu mmirati biex il-konvenut jigi kkundannat ihallas il-bilanc ta' kapital li jirrapprezenta r-rikavat intier ta' l-imsemmija eredita', dik it-talba kienet provokata unikament mill-allegat rifjut ta' l-istess konvenut illi jikkonforma mad-direttivi lilu moghtija b'diversi digrieti tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-kompetenza taghha volontarja. Una volta din il-Qorti tqis li l-konvenut kien irrinunzja espressament jew tacitament meta pprezenta l-proceduri biex jigi konfermat bhala esekutur testamentarju minn dik il-Qorti, kien certament applikabbli l-art. 772 tal-Kap 12, waqt li ma hux eskluz illi kien ukoll applikabbli l-art. 770.

**Ricerka utili**

F'dan il-kontest din il-Qorti tqis li hu utli jigu registrati s-segwenti konsiderazzjonijiet fin-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-atturi appellati inkwantu bazati fuq ricerka li ma kellhiex tghaddi inosservata:-

"Illi skond l-appellant, il-hatra tieghu bhala esekutur testamentarju hija naxxenti minn testment filwaqt li l-obbligi tieghu bhala tali huma regolati *ex lege,* u mhux a bazi ta' xi ftehim bejn il-partijiet.

**Illi pero', huwa ormai stabbliit mid-dottrina u l-gurisprudenza illi ezekutur testamentarju huwa <u>mandatarju</u> kemm *tad-decujus* kif ukoll tal-werrieta tieghu:**

*"Nous avons appele' l'esecution testamentaire un mandat. le code ne le dit point; mais cela resuite de la nature meme que le testateur con fie a' l'executeur. En effet, le testateur donne pouvoir a' la personne qu'li choisit d'executer ou de faire executer ses dispositions; lorsque l'executeur accepte cette commission, le mandat devient parfait par le concours des voiontes due mandant et du mandataire. Furgoie (Des Testaments, chap X, sect IV nos 13 et 15) conclut de la' qu'il faut appliquer a' l'execution testamentaire les regies qui sont faites pour le mandat.......*

*Il y a d'abord ceci de singulier qu'il y a un mandataire sans que l'on sache d'une maniere precise qui est le mandat. Furgole det que le testateur met l'executeur testamentaire a' sa place ou a' celle des heritiers, de sorte que l'on ne sait s'li est mandataire du testateur ou des heritiers*[i] (**L**aurent, Principes de Droit Civli, Bruxelies, 1878, Voi 14, paragrafu 323)

Laurent jispjega illi l-esekuzzjoni testamentarja hija mandat li l-uzanzi Francizi u l-codici civlii organizzaw minghajr ma taw kaz tad-dritt komuni, u li ghalhekk ghandu karatteristici specjali: Fl-ewwel lok, l-ezekutur jigi nominat waqt li t-testatur ikun ghadu haj; l-ezekuterija tigi accettata wara mewtu u ghalhekk hawnhekk ghandna kuntratt li fih m'ghandniex il-konkors tal-kunsens tal-partijiet, ovvjament bejn tnejn min-nies hajjin. U fit-tieni lok, l-ezekutur huwa mandatarju impost fuq il-werrieta, biex jamministra l-wirt moghti lihom, ghan-nom taghhom, izda mhux kif iridu huma! B'danakoliu, xorta wahda l-ezekuterija testamentarja hija mandat, aljen ghad-dritt Ruman, ghax naxxenti minn uzanzi Francizi:les *executeurs testamentaires sont donc une institution coutumiere (Coin-Delisie, p* 485, *no i de l'articie 1025)(Laurent, op cit, para 322).*

Il-Baudry-Lacantinerie[3] (*Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civlie, Delie Donazioni Fra Vivi e Dei Testamenti,* Mliano Vol II, para 2583 et seq. huma ta' l-istess fehma:

*Abbiamo ora indicato lo scopo dell'esecuzione testamentaria. le cose dette ci mostrano anche la sua natura. L'esecuzione testamentaria, in sostanza, e' un mandato: l'esecutore*

*testamentario e' un mandatario imposto dai testatore agli eredi e che questi non hanno il diritto di revocare.*

Il-gurisprudenza Maitija ukoll segwiet dawn l-insenjamenti:

*Che l'esecutore testamentario e' un mandatario, obbligato, come ogni altro, a contenersi entro I limiti dei suo incarico:"Diligenter fines mandati custodiendi sunt. L5 in princ. ff Mandati. (*Corte d'Appello Di Sua Maesta', *Pietro Paolo Falzon ne. vs Negte. Carmelo Sciberras* ippreseduta mill-imhallfin Sir Adriano Dingli (President), Sir Salvatore Naudi, u Lorenzo Xuereb, 27 Ottobre 1890, Kollez. Vol XLI.514).

*Din il-Qorti, fil-kawza "Falzon vs Fazon", maqtugha fis-27 ta' Ottubru 1890.......qalet hekk: "l'esecutore testamentario e' un mandatario, obbligato, come ogni altro, a contenersi entro i Limiti dei suo incarico — diligenter fines mandati custodiendi sunt —* L5 *in prin ff Mandati...... L-istess dottrina....... giet ukoll affermata minn din il-Qorti fil-kawza "Azzopardi vs Fabri" maqtugha fit-22 t'April 1932. Del resto, din id-dottrina, illi l-ezekutur.... Huwa mandatarju tieghu (tat-testatur), hija, tista' tghid, unanimi mal-awturi kollha, ghalkemm kollha jistqarru illi, peress li dan il-mandat jibda mal-mewt tal-mandant, meta appuntu jispiccaw il-mandati kollha, il- forma tal-mandat tal-ezekutur hija pjuttost anomala u specjali..........................Huwa veru illi skond l-art 876 tai-Kodici Civili "il-pussess ta' hwejjeg il-mejjet jghaddi bis-sahha tal-Ligi, b'mod ta' kontinwazzjoni fil-werriet"; izda, kif jghallmu l-awturi; il-pussess akkordat lill-ezekutur testamentarju "non e' vero possesso, poiche' l'esecutore con quell possesso e' costituito sequestratario del defunto. Egli non possiede che in nome dell'erede; l'erede e' il vero possessore di tutti i beni dell'eredita' secondo la regola 'le mort saisit le vif' (Baudry lacantinerie, XI, para 2675) (* Appelli Civlii, *Philip Sammut ne versus Ersilia Zahra,* 21 ta' Marzu 1958, Imhallfin Prof. Anthony Mamo, A.J. Montanaro Gauci, William Harding, Kollez XLII.i. 142).

*Che e' vero che l'esecutore testamentario si presume essere il mandatario del testatore (***6** Prim'Aula della Corte Civile, *Amelia Debono vs Negoziante Gustavo Pulis noe 1*9 maggio 1928 Kollez. Vol XXVII.Ii.89)

*II-legatarju jista' jitlob il-konsegwiment tal-legat tieghu minghand l-esekutur testamentarju (Pothier, Dei Testamenti Cap 5, sez 3, art 1, para 1) li hu prezunt mandatarju tat-testatur (Kollez. Vol XXVII.ii. 89; XXI.i.273)* (Av. Dr Giuseppe Pace ne vs Marietta Annati et. 29 ta' Marzu 1957, Appelli Civili, Imhallfin LA Camilleri, AJ Montanaro Gauci, W. Harding Kollez Vol XLI.i.217).

*L'esecutore ha li dovere di pagare i legati, in forza ed entro i iimiti dei suo mandato (*Vincenza Farrugia vs Paolo Ellul ed altri, 2 Dicembre 1910, Corte di Appello, Imhallfin G. Carbone, Giovanni Pullicino, Antonio Micallef— Kollez. Voi XXI.i. 273).

*Li tajjeb li jigi mill-ewwel rilevat li l-esekutur testamentarju bhala mandatarju ("sui generis') ghandu jzomm ruhu fil-limiti ta' l-inkariku*

*tieghu(*Amante Scicluna noe vs Teresa armla Abela 28 April 1965 Imhallef Dr Edoardo Magri, Prim'Awla, XLIX.ii.889.

Illi l-assi ereditarju tad-decujus kien jikkonsisti principalment f'diversi proprjetajiet immoblijari li jinstabu f'Ghawdex; l-eredi huma Ghawdxin u l-maggor parti taghhom joqghodu Ghawdex; id-decujus kien residenti Ghawdex; ir-Reverendu gie kkonfermat Ezekutur mill-Qorti f'Ghawdex, u kien hemmhekk li esp;eta l-inkariku lilu moghti mit-testatur. Kien hemmhekk ukoll illi gie mahtur perit komputista mill-Qorti f'Ghawdex biex jigu approvati l-kontijiet ta' l-appeliant bhala Ezekutur Testamentarju, u kien proprju f'dik l-*isola sorella* li r-Reverendu intrabat b'ipoteka generali fuq hwejjgu li jespleta fedelment l-inkariku lilu moghti mit-testatur. Kien imkien ghajr fil-qorti t'Ghawdex li ghamel il-pagament liil-werrieta ta' parti minn sehemhom mill-flus provenjenti mill-bejgh tal-proprjeta' immoblijari. Ghalhekk, l-obbligazzjoni mhux biss tal-likwidazzjoni tal-wirt, imma anke ta' parti mill-pagament, saret f'Ghawdex. Mhux validu l-argument li l-abbli difensur tar-Reverendu Cini ghamel fit-trattazzjoni orali fis-sens li din ic-cedola kellha ssir Ghawdex ghax kienet biex jithallsu l-atturi odjerni li jghixu f'Ghawdex. Cedola ta' depozitu mhix kawza u fiha ma hemmx atturi jew konvenuti. Setghet saret fil-Qorti f'Malta bl-istess effett.

Di piu', fil-kawza fl-ismijiet *Gorg Vella et vs Rev. Charles Cini* (Citazz 207/98 deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri fid-29 ta' Jannar 1999 li fiha l-atturi odjerni talbu lill-appellant biex jiddikjara xi flus u dokumenti tal-esekuterija kellu f'idejh, (Dokument GV-1 anness) l-appellant mhux biss ma qajjimx l-eccessjoni *tal-privlegium fori,* imma addirittura **ammetta** t-talbiet ta' l-atturi u ghalhekk b'mod mill-iktar inekwivoku, assoggetta ruhu ghall-gurisdizzjoni ta' dik il-Qorti.

Illi zgur li t-testatur ma kellux l-intenzjoni li l-werrieta tieghu imorru jitkarrbu, u jinzlu gharkubtejhom quddiem il-Wisq Reverendu f'Malta biex jiedhu dak li hu taghhom. Wisq inqas li jaghmlu kawza hemmhekk. U fil-fatt anke r-Reverendu Cini gharaf illi jekk sejjer jaghmel xi hlas lill-werrieta, dan kellu jaghmlu fil-gzira ta' Ghawdex, kemm skond il-ftehim prezunt bejnu u d-decujus, kif ukoll bejnu u l-werrieta, kif ukoll min-natura stess tal-kuntratt tal-mandat illi kellu.

Illi tajjeb wiehed jiccita s-segwenti gurisprudenza f'dan ir-rigward:

*Jirrizulta mill-att tac-citazzjoni illi l-konvenuti jirrisjedu f'Malta u dana jiggustifika 'prima facie' l-eccezzjoni sollevata a tenur ta' l-art 741(c) tal-Kap XII tal-Ligijiet ta' Malta. Biss l-artiklu 770 .. jiddisponi li l-privilegium fori jispicca fil-kaz li l-kawza tkun dwar obbligazzjoni li, skond il-ftehim, kellha tigi esegwita fi Gzira partikolari. Dan ifisser li jekk il-partjiet ftehmu li l-obbligazzjoni nvoluta fil-kawza, jigifieri l-hlas, kellha tigi esegwita f'Ghawdex, din il-Qorti hija allura*

*kompetenti. Dan il-ftehim mhux bzonn ikun espress, imma jista 'jigi prezunt mill-operazzjonjiet maghmulin mill-partijiet. Dan gie ritenut kostantement mill-Qrati taghna (Ara volumi XXIX.iii.35; XXVIII.iii.1114; XXX.i.1004; XXXVII.i.62; XXXVIII.i.236)(*Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, *Louis Gaea vs Maria Sammut Alessi et 1*8 t'Ottubru, 1990).

*Jirrizulta li ma kien hemm ebda ftehim espress bejn il-partijiet, pero' dan jista' jigi desunt mill-operazzjonijiet maghmulin mill-partijiet. L-obbligazzjoni li dwarha qed issir il-kawza presenti hi dwar hlas pretiz mill-attur minghand il-konvenut ghax-xoghol u materjal ta' mastrudaxxa li ghamillu f'Ghawdex. Illi ghalhekk l-obbligazzjoni kellha tigi esegwita Ghawdex (*Qorti tal-Magistrati tal-Pulizija Gudizzjarja ghall-Gzejjer ta' Ghawdex u Kemmuna fil--Kompetenza Superjuri bhala Qorti tal-Kummerc 24 ta' Frar 1983).

*Dan il-ftehim m'hemmx bzonn li jkun espress, imma jista' jkun implicitu, jew desunt minn cirkostanzi ohra...... Meta parti sostanzjali minn kuntratt ghandha ssir f'post determinat, kull parti ohra ghandha titqies li tigi esegwita hemm ukoll (ara wkoll Pisani vs Mizzi appell 9/12/1923) (*Qorti ta' l-Appell, *Busuttil vs Giorgio Spiteri* XXX.i. 1004).

F'kawza ghal konverzjoni ta' enfitewsi temporanja ghal wahda perpetwa ta' immobbli f'Ghawdex, il-gurisdizzjoni kienet tal-Qorti t'Ghawdex" (*John Grech et vs Mario Gaiea Testaferrata,* Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri 15 ta' Frar, 1991. F'kawza quddiem il-Qorti tai-Kummerc (Malta) kontra negozjant Ghawdxi, il-foro kompetenti kien dak tal-gzira fejn jintbaghat il-pagament tal-prezz (Giovanni Wismayer vs. Luigi Magro XXIX.iii.35). F'kawza f'Ghawdex il-Qorti cahdet l-eccezzjoni tal-privlegium fori peress illi s-socjetajiet konvenuti kellhom jaghmlu xoghol fi progett fix-Xewkija" (Anton Farrugia Ellis pro et noe vs. Perit Arthur Cutugno noe, 6 ta' Dicembru, 1973).. L-istess gie ritenut mill-qorti ta' l-Appell fil-kawza *Pisani vs. Mizzi 9.12.1923 u mill-Prim'Awla fil-kaz Desain v Rapa 19.2.1862.* Kriterju importanti huwa fejn ikun sar ix-xoghol kif ukoll fejn ikun sar xi pagament: *fondandosi sulla presunzione di una unita elezione di domicilio riguardo a tutto cio' che concerne una data obbligazione (Cilia vs Paolo Bajada XYXVI.i.386 — Qorti ta' l-Appell,* ara wkoll Prim'Awla 19/12/1862 Vol II. 102, u Micallef vs. Zammit ed. Appell, 6 Giugno 1930). Anke f'kawza (Cornucopia Hotel Limited vs Fishcer Reisen Limited (Citazz 6/1996 P'sentenza preliminari 22 t'April, 1997 Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri) li fiha socjeta' li topera lukanda f'Ghawdex (Cornucopia Hotel) qieghdha tharrek lil socjeta' kummercjali bbazata fil-gzira ta' Malta ghall-prezz ta' akkomodazzjoni u ikel provduti mis-socjeta attrici fGhawdex, ma gietx accettata l-eccezzjoni tal-privilegg tal-foro (kopja annessa Dok GV-2). Kif qalet tajjeb dik il-Qorti: *Il-Qrati taghna kellhom diversi okkazjonijiet sabiex jesprimu ruhhom dwar kwistjonijiet simili. Il-principju ewlieni li gie dejjem segwit kien illi fejn in-negozju guridiku fil-parti preponderanti tieghu kellu jigi esegwit fi gzira partikolari, dik il-gzira (sic) kellha l-kompetenza tisma' l-kawza (ara Appell Civili, Alfred Cremona et vs. Vanda armla Bradshaw: 20.5.94; Appell Kummercjali Vivian Gatt noe vs. Carmelo Grima (12.2.92)".*

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata bl-ispejjez ta' dan l-incident ikunu a karigu ta' l-appellanti. L-atti qed jigu rimessi lill-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni.

Dep/Reg

mm